

32005L0011

L 46/42

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

17.2.2005

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2005/11/KE

**tas-16 ta' Frar 2005**

**li temenda, sabiex tiġi adattata għall-progress tekniku, d-Direttiva tal-Kunsill 92/23/KEE konnessa mat-tajers għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u għat-twaħħil tagħhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 13 (2) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/23/KEE tal-31 ta' Marzu 1992 konnessa mat-tajers għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u għat-twaħħil tagħhom (2), b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 92/23/KEE hija waħda mid-Direttivi separati tal-proċedura tat-tip ta' l-approvazzjoni tal-KE stabbilita bid-Direttiva 70/156/KEE;
- (2) Id-Direttiva 92/23/KEE kif emendata mid-Direttiva 2001/43/KE tagħti l-possibilità lill-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni tat-tip sabiex jaċċettaw lil-laboratorji tat-tajers tal-manifatturi bħala laboratorji għall-ittejtjar approvati sal-31 ta' Diċembru 2005. L-esperjenza fejn tidħol din id-dispożizzjoni kienet pożittiva ħafna u għalhekk għandha titkompli l-possibilita u dak it-terminu għandu jitneħħa;
- (3) Progress tekniku fis-settur tal-produzzjoni tat-tajers huwa mghäggel ħafna. Minħabba talba kbira mill-konsumaturi u mill-industria tal-karozzi, iċ-ċikli ta' produzzjoni tat-tajers saru aktar mghäggla filwaqt li l-varjetà tat-tipi ta' tajers qiegħda tiżdied b'mod kostanti. Din is-sitwazzjoni hija mistennija li ssir aktar kritika fil-ġejjeni meta huwa magħruf li jinħtieġu installazzjonijiet għall-ittejtjar li jis-wew ħafna flus jew li huma uniċi. Sabiex ikunu jistgħu jingħibu l-prodotti li għadhom kemm ġew żviluppati fis-suq mingħajr dewmien, huwa indispensabbi numru suffiċjenti ta' faċilitajiet għall-ittejtjar, li jistgħu jintużaw b'mod flessibbi;

(1) ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/104/KE (ĠU L 337, 13.11.2004, p. 13).

(2) ĠU L 129, 14.5.1992, p. 95. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2001/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 211, 4.8.2001, p. 25).

- (4) B'konformità ma' l-iżvilupp ta' tajers superjuri minħabba progress tekniku, il-proċeduri ta' ttestjar jeħtieġ li jkunu aktar sofistikati. Bħalissa ma' hemm l-ebda kapacită ta' ttestjar barra dik tal-manifatturi tat-tajers li jista' jirnex-xilha tlaħħaq man-numru kbir ta' testijiet meħtieġa;
- (5) Għalhekk id-Direttiva 92/23/KEE għandha tiġi emendata kif isegwi hawn taħt;
- (6) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattament għall-Progress Tekniku stabbilit permezz ta' l-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 70/156/KEE,

**ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:**

### Artikolu 1

L-Anness I, il-paragrafu 1.3 tad-Direttiva 92/23/KEE għandu jiġi sostiwt b'lī ġej:  
“1.3.L-awtoritā ta' approvazzjoni tista' taċċetta l-laboratorji tal-manifatturi tat-tajers bħala laboratorji approvati għall-ittejtjar skond l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 70/156/KEE.”

### Artikolu 2

1. L-Istati Membri se jaddottaw u jippubblikaw mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom minnufiż jinfurmaw lill-Kummissjoni it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-disposixxjoni u din id-Direttiva.

Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjoni mill-1 ta' Jannar 2006.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjoni, għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din it-tip ta' riferenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni ufficijali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif din ir-riferenza għandha ssir.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-proviżjoni, ewlenin tal-liggi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kop b' din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara il-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar is-16 ta' Frar 2005.

Għall-Kummissjoni  
Gunter VERHEUGEN  
*Membru tal-Kummissjoni*

---